

Arachne

KARTA

**GĦALL-INTRODUZZJONI U L-APPLIKAZZJONI
TAL-GĦODDA GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAR-RISKJU ARACHNE
FIL-VERIFIKI TA' ĠESTJONI**



Werrej

1	Il-preambolu u l-għan	3
2	Il-prinċipji ġenerali	3
3	Il-benefiċċji tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne u l-użu tar-riżultati	3
4	L-ispiża u t-tariffi tal-liċenzja	4
5	L-aċċess tal-OLAF u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq talba	4
6	Il-protezzjoni tad-dejta	4
7	L-għajnuna li jagħtu s-servizzi tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet manġerjali	5
8	Il-konsultazzjoni ta' Arachne mis-servizzi tal-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri	6
9	Il-benefiċċji u l-konsegwenzi għall-awtorità ta' ġestjoni minħabba "indikazzjoni ta' riskju għoli" wara li tkun ikkonsultat lil Arachne	7
10	Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni u d-drittijiet tal-aċċess	7
11	It-trażmissjoni tad-dejta	8
12	L-assigurazzjoni tal-kwalità tad-dejta	8
13	It-tmiem u l-irtirar tal-aċċess	8

1 IL-PREAMBOLU U L-GĦAN

L-Arachne hija għodda għall-klassifikazzjoni tar-riskju li żviluppat il-Kummissjoni Ewropea rrappreżentata mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u l-Iżvilupp Urban (minn hawn 'il quddiem imsejja: is-servizzi tal-Kummissjoni) b'kooperazzjoni mill-qrib ma' xi Stati Membri. L-għan tas-servizzi tal-Kummissjoni huwa li jappoġġaw lill-awtoritajiet ta' ġestjoni responsabbli mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejja: FSIE¹) billi jipprovdu l-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne biex jidentifikaw b'mod effettiv u effiċjenti l-aktar proġetti, kuntratti, kuntratturi u benefiċjarji riskjużi, meħtieġa għall-verifika ta' ġestjoni tagħhom skont il-punt (c) tal-Artikolu 125(4) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 (minn hawn 'il quddiem imsejja: is-CPR).

Din il-karta għandha l-għan li tapprova għadd ta' prinċipji komuni li għandhom jiġu applikati mill-awtorità ta' ġestjoni u mis-servizzi tal-Kummissjoni, biex l-awtorità ta' ġestjoni, bl-appoġġ sħiħ tas-servizzi tal-Kummissjoni, tintroduċi, tapplika u tintegra l-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fil-proċessi ta' verifika ta' ġestjoni tagħha kif żviluppati u deċiżi fid-dawl tal-ispeċifitajiet u tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-programmi tal-awtorità.

Bl-użu ta' Arachne, l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm taċċetta li timxi mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Karta.

2 IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

L-awtorità ta' ġestjoni taqbel li tintegra l-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne bħala waħda mill-miżuri kontra l-frodi skont l-Artikolu 125(4)(c) tas-CPR, biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività u tipprevjeni l-irregolaritajiet, u biex tintegra l-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne fil-proċessi ta' verifika ta' ġestjoni tagħhom, b'konformità mal-proċeduri li l-awtorità ta' ġestjoni tkun iddeċidiet li timplimenta. Biex dan jintlaħaq, is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu għajnuna teknika u amministrattiva lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jinstallaw, jintegraw u jużaw din l-għodda tal-IT, u jipprovdu l-kalkolu tar-riskju.

3 IL-BENEFIĊĠI TAL-GĦODDA GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAR-RISKJU ARACHNE U L-UŻU TAR-RIŻULTATI

L-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne tirrappreżenta l-aktar teknoloġija avvanzata f'dak li għandu x'jaqsam mal-estrazzjoni u l-arrikkament tad-dejta. L-applikazzjoni ta' din it-teknoloġija avvanzata se:

- tgħin biex jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-verifiki ta' ġestjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-aqwa użu tal-kapaċità tar-riżorsi umani għall-analiżijiet mhux fuq il-post u għall-verifiki fuq il-post;
- tagħti lill-awtorità ta' ġestjoni l-opportunità li tiddokumenta ż-żieda fl-effettività u l-effiċjenza fil-verifiki ta' ġestjoni matul iż-żmien;

¹ Disponibbli bħalissa għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn

- tipprevjani irregolaritajiet potenzjali u għalhekk twassal biex jonqsu r-rati ta' żbalji, li huwa għan komuni kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-awtoritajiet ta' ġesjoni;
- timplimenta miżura effettiva u proporzjonata kontra l-frodi, b'konformità mal-Artikolu 125(4)(c) tas-CPR.

Il-persunal tal-awtorità ta' ġestjoni u tal-korpi rispettivi li ngħata aċċess għall-għodda, se juża r-riżultati tal-kalkolu tar-riskju ta' Arachne biss biex iwettaq il-verifiki ta' ġestjoni, u mhux għal interessi personali jew għal xi raġuni oħra.

4 L-ISPIŻA U T-TARIFFI TAL-LIĊENZJA

Is-servizzi tal-Kummissjoni qed jipprovdu l-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne lill-awtoritajiet ta' ġestjoni mingħajr ħlas. Sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi mhux mistennija, is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu l-aċċess għall-għodda Arachne u għall-bażijiet tad-dejta tagħha, il-manutenzjoni, it-taħriġ u l-appoġġ, għall-perjodu attwali kollu ta' programmazzjoni - 2014–2020 (sal-għeluq tal-perjodu).

5 L-AĊĊESS TAL-OLAF U TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI FUQ TALBA

Is-servizzi tal-Kummissjoni mhux se jagħtu aċċess awtomatiku lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejja: QEA) u lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (minn hawn 'il quddiem imsejja: OLAF) għar-riżultati tal-kalkoli tar-riskju ta' Arachne. Madankollu, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, l-OLAF u l-QEA jistgħu jitolbu lis-servizzi tal-Kummissjoni, fuq bażi ta' każ b'każ, informazzjoni dwar ir-riskji kkalkulati.

Bħala regola ġenerali, kull talba li ssir mill-QEA jew mill-OLAF jenħtieġ li tkun relatata ma' każijiet fejn hemm suspett ta' frodi jew ta' użu ħażin tal-fondi Ewropej. Il-leġittimità tal-ħtieġa għat-trasferiment tad-dejta u l-motivazzjoni se jiġu evalwati mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi ta' każ b'każ.

6 IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

Fis-17 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat in-notifika meħtieġa dwar l-ipproċessar tad-dejta personali lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem imsejja: KEPD). Fis-17 ta' Frar 2014, il-KEPD ippubblika opinjoni pożittiva (referenza 2013-0340) dwar il-konformità ta' ARACHNE mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, u fit-30 ta' Ġunju u fl-1 ta' Lulju 2016 spezzjona l-bini tas-servizzi tal-Kummissjoni, biex jinvestiga s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-KEPD u jiżgura l-konformità magħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ippubblikat fl-24 ta' Novembru 2016 (referenza 2016-0441) ġew implimentati biex jikkonformaw bis-sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 45/2001, inkluż il-kwistjonijiet li ġejjin:

- l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali tad-dejta skont is-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament 45/2001 u s-salvagwardji implimentati biex tiġi żgurata l-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-kwalità tad-dejta f'dan ir-rigward;
- il-funzjonalitajiet taċ-“ċiklu tar-rispons” li jippermettu lill-utenti ta' Arachne li jirrapportaw żbalji jew inkonsistenzi;

- il-miżuri meħuda biex jiggarantixxu livell għoli ta' kwalità tad-dejta dwar l-informazzjoni li ġejja mingħand sorsi esterni tal-midja;
- l-implimentazzjoni prattika ta' perjodi ta' żamma tad-dejta;
- l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta;
- l-aspetti ġenerali tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tad-dejta personali f'Arachne (l-Artikolu 22 tar-Regolament 45/2001).

L-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne hija bbażata fuq dejta interna u esterna. Id-dejta interna (proġetti, benefiċjarji, kuntratti, kuntratturi u spejjeż) tiġi estratta mis-sistemi kompjuterizzati lokali tal-awtorità ta' ġestjoni u tiġi applowdjata fuq server apposta tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Id-dejta esterna tingħata minn żewġ fornituri tas-servizz esterni kkummissjonati mis-servizzi tal-Kummissjoni. L-ewwel bażi tad-dejta fiha d-dejta finanzjarja kif ukoll l-azzjonijisti, is-sussidjarji u r-rappreżentanti uffiċjali ta' aktar minn 200 miljun kumpanija. It-tieni bażi tad-dejta fiha lista tal-persuni politikament esposti u listi tas-sanzjonijiet, tal-infurzar u tal-midja negattiva. Din id-dejta kollha tiġi ppubblikata uffiċjalment u għalhekk hija disponibbli għall-pubbliku. L-ipproċessar tad-dejta tal-aħħar, jiġifieri dik esterna, jaqa' taħt l-Artikolu 10(5) tar-Regolament 45/2001. L-ipproċessar ta' din id-dejta għandu jsir biss bil-għan li jiġu identifikati r-riskji ta' frodi u l-irregolaritajiet fil-livell tal-benefiċjarji, tal-kuntratturi, tal-kuntratti u tal-proġetti, kemm fil-fażi tal-approvazzjoni tal-proġett kif ukoll fil-fażi tal-implimentazzjoni tiegħu.

Biex l-utenti tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne jitolbu korrezzjoni ta' tqabbil invalidu bejn id-dejta interna u dik esterna, iridu jużaw iċ-ċiklu tar-rispons.

Id-dejta interna u r-riżultati tar-riskji kkalkulati se jinżammu b'konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji tar-Regolamenti li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-FSIE, jiġifieri għal "tliet snin wara l-aħħar pagament tal-perjodu tal-programm 2007 sa 2013, u tliet snin wara dik is-sena li fiha jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni l-kontijiet annwali ta' Programm Operazzjonali għall-perjodu tal-programm 2014-2020."

L-awtorità ta' ġestjoni li tuża s-software Arachne, trid tikkonforma mar-regolamenti nazzjonali u Ewropej dwar il-protezzjoni tad-dejta. Għalhekk, jeħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jinfurmaw lill-benefiċjarji li d-dejta tagħhom disponibbli fil-bażijiet tad-dejta esterni, se tiġi pproċessata biex jiġu identifikati l-indikaturi tar-riskji. Il-benefiċjarji jridu jkunu infurmati, preferibbilment billi jiddaħħlu klawżoli dwar il-protezzjoni tad-dejta fid-dokumenti tal-applikazzjoni għal għotja jew għal kuntratt. Is-servizzi tal-Kummissjoni stabbilew sit web apposta² li jagħti spjegazzjoni tal-proċess u tal-għan tal-analiżi tad-dejta. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi ħolqa għal dan is-sit web apposta permezz tas-sit web tagħha. Ir-riżultati tal-kalkolu tar-riskju huma dejta interna użata għall-finijiet tal-verifiki ta' ġestjoni, u għalhekk huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jenħtieġ li ma jiġux ippubblikati (**la mis-servizzi tal-Kummissjoni u lanqas mill-awtoritajiet ta' ġestjoni**).

7 L-GĦAJNUNA LI JAGĦTU S-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI LILL-AWTORITAJIET MANIĠERJALI

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu l-appoġġ meħtieġ biex l-awtorità ta' ġestjoni tkun tista' taħdem b'mod effikaċi u effettiv bl-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne.

Dan l-appoġġ se jinkludi:

² <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=325&intPageId=3587&langId=mt>

- appoġġ tekniku għall-installazzjoni inizjali tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne;
 - appoġġ tekniku biex l-awtorità ta' ġestjoni tkun tista' tibgħat id-dejta bil-format XML meħtieġ għall-iskambju tad-dejta ma' Arachne;
 - taħriġ inizjali lill-“utenti ewlenin” abbażi tal-prinċipju “ħarreġ lil min iħarreġ” biex Arachne tintuża b'mod effettiv u effiċjenti;
 - taħriġ wara aġġornamenti importanti tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne.
 - konsulenza dwar l-integrazzjoni tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne fil-proċess ta' kuljum tal-verifiki ta' ġestjoni;
-
- appoġġ kontinwu biex jiġi ffaċilitat l-użu effiċjenti, kull meta jkun possibbli bir-riżorsi disponibbli;
 - għajjuna biex issir il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-prattiki tajba bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni li jużaw Arachne.

8 IL-KONSULTAZZJONI TA' ARACHNE MIS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI U MILL-AWTORITAJIET TAL-ISTATI MEMBRI

L-awdituri tas-servizzi tal-Kummissjoni għandhom aċċess għar-riżultati tal-kalkoli tar-riskju ta' Arachne u għall-bażijiet tad-dejta tal-kumpaniji. L-awdituri tal-Kummissjoni jistgħu jikkonsultaw ir-riskji identifikati wara li l-proġetti jkunu ntgħażlu għall-awditu, waqt il-fażi preparatorja ta' awditu. Madankollu, Arachne ma tistax tintuża biex jintagħżel kampjun ta' proġetti li jrid jintagħżel mis-servizzi tal-Kummissjoni, peress li r-riżultat ma jkunx jista' jittqies bħala rappreżentattiv min-naħa tal-programm li jista' jkun affettwat bl-istess riskji.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu awditi tas-sistema dwar ir-rekwiżit prinċipali nru 7 - proċeduri adegwati kontra l-frodi, kif ukoll analiżi orizzontali.³ F'dan il-kuntest, is-servizzi tal-Kummissjoni se jikkonsultaw ir-riżultati ta' Arachne u l-użu effettiv tagħha mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-korpi intermedjarji tagħha.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jagħrfu li hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-kampjun jew il-kwota tal-proġetti li se jiġu investigati ulterjorment, abbażi tal-indikaturi tar-riskju u tal-punteġġi tar-riskju kkalkolati bl-għodda Arachne. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa ħafna jiddefinixxu minn qabel l-istrateġija ta' analiżi tal-punteġġi tar-riskju tagħhom li se twassal biex jiġu identifikati l-proġetti magħżula għal investigazzjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li għandhom jittqiesu l-ġudizzju professjonali u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi biex jiġi ddeterminat il-kampjun tal-proġetti soġġetti għal verifika. Biex ikunu jistgħu juru l-azzjonijiet li ttieħdu b'rabta mal-każijiet individwali investigati, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jżommu rendikont tal-attivitajiet, tal-korrezzjonijiet jew tal-arkivjar tal-każijiet. Għal din l-aħħar kategorija, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jirreġistraw id-deċiżjonijiet tagħhom li ma jivverifikawx “proġetti ta' punteġġi ta' riskju għoli” billi jużaw is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet ta' Arachne.

³ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/guidance_common_mcs_assessment_mt.pdf

9 IL-BENEFIĊĠI U L-KONSEGWENZI GĦALL-AWTORITÀ TA' ĠESTJONI MINFABBA "INDIKAZZJONI TA' RISKJU GĦOLI" WARA LI TKUN IKKONSULTAT LIL ARACHNE

L-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne se twissi lill-awtorità ta' ġestjoni billi tidentifika l-aktar proġetti, kuntratti, kuntratturi u benefiċjarji riskjużi, u tgħin hom jikkonċentraw il-kapaċità amministrattiva tagħhom fuq il-verifiki.

Jekk abbażi tar-riżultati tal-klassifikazzjoni tar-riskju u ta' verifika sussegwenti tar-riskji, l-awtorità ta' ġestjoni tikkonkludi li l-ispiża tista' tiġi affettwata mill-irregolaritajiet, din se twettaq il-proċeduri kollha li tqis meħtieġa u xierqa qabel ma l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tiddikjara l-ispiża lill-Kummissjoni. L-awtorità ta' ġestjoni se tagħmel dan biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-irregolaritajiet jew il-frodi, u biex tibgħat in-notifiki meħtieġa lill-OLAF permezz tal-bażi tad-dejta IMS (is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet) kif previst fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u skont ir-regoli fis-seħħ.

Meta l-analiżi li twettaq l-awtorità ta' ġestjoni twassal biex jiġu identifikati riskji rikorrenti, jenħtieġ li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiġu rinforzati biex jipprevjenu li r-riskju jerġa' jokkorri fil-futur. Sussegwentement, jenħtieġ li l-Awtorità ta' Ġestjoni tidentifika l-proġetti jew l-operazzjonijiet għal dawn ir-riskji rikorrenti u li tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-legalità, ir-regolarità u l-eliġibbiltà tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

10 IL-PROĊEDURA TA' AWTORIZZAZZJONI U D-DRITTIJET TAL-AĊĊESS

Hija responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni li tistabbilixxi miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi skont l-Artikolu 125(4)(c) tas-CPR. Abbażi tal-istruzzjonijiet uffiċjali tal-awtorità ta' ġestjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni se jagħtu d-drittijiet ta' amministratur lil utenti ddedikati ta' Arachne. Dawn l-amministraturi lokali se jkollhom id-dritt li jagħtu aċċess għall-programmi operazzjonali li huma amministraturi tagħhom, lill-utenti lokali tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, tal-awtoritajiet tal-awditjar u tal-korpi intermedjarji.

L-amministraturi lokali ta' Arachne għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin:

- jidentifikaw lill-utenti li jitolbu aċċess; jiżguraw li dawk l-utenti jkunu parti mis-sistema ta' ġestjoni u kontroll ta' programmi operazzjonali speċifiċi;
- joħolqu l-kontijiet tal-utenti fil-bażi tad-dejta ta' ġestjoni tal-utenti Arachne u jagħtuhom aċċess, flimkien mar-rwol adegwat tal-utent, għall-programmi operazzjonali li dawn ikunu talbu aċċess għalihom;
- jinfurmaw lill-utenti dwar l-obbligi tagħhom biex tinżamm is-sigurtà tas-sistema;
- jiżguraw li d-dejta ta' identifikazzjoni tal-utenti tibqa' preċiża billi: jitolbu li jintemmu d-drittijiet tal-aċċess meta dawn id-drittijiet tal-aċċess ma jibqgħux meħtieġa jew ġustifikati (minn żmien għal żmien iwettqu reviżjoni tal-kontijiet tal-utenti, itemmu d-drittijiet tal-aċċess ta' persuni li jkunu telqu mill-istruzzjonijiet jew li ma jkunx għadhom iwettqu xogħol li jiġġustifika l-aċċess tagħhom, eċċ...);
- jaġixxu fil-pront malli jkun hemm avvenimenti suspettużi li jistgħu jippreġudikaw is-sigurtà tas-sistema;
F'dan il-kuntest, attività tista' titqies suspettuża meta (lista mhux eżawrjenti):
 - persuna jew organizzazzjoni mhux magħrufa titlob aċċess;
 - persuni li ma jkunx għadhom intitolati li jużaw is-sistema, jibqgħu jkollhom aċċess;
 - persuna tuża d-drittijiet tal-aċċess ta' persuna oħra.

Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom perspettiva ġenerali tal-utenti kollha li għandhom kont li jaċċessa Arachne u darba fis-sena se jikkuntattjaw lill-awtorità ta' ġestjoni biex tagħtihom lista tal-utenti kollha li jkollhom aċċess għall-programmi operazzjonali tal-FSIE f'Arachne. Skont il-proċeduri definiti, il-validazzjoni ta' din il-lista jew il-bdil tad-drittijiet tal-aċċess jaqgħu f'idejn l-awtorità ta' ġestjoni u/jew l-amministraturi lokali.

Meta tintalab mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni timpenja ruħha li tinforma lill-Kummissjoni dwar l-utenti li tkun tathom aċċess (l-isem sħiħ tal-individwu u isem il-korp jew l-istituzzjoni fejn jaħdem l-individwu).

11 IT-TRAŻMISSJONI TAD-DEJTA

Fuq bażi regolari (mill-inqas kull 3 xhur), l-awtorità ta' ġestjoni tibgħat l-attributi tad-dejta b'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġ ta' Arachne u ma' kif speċifikat fl-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 għall-programmi operazzjonali fil-format xml.

Minbarra li tibgħat l-attributi tad-dejta inklużi fl-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, fuq bażi volontarja l-awtorità ta' ġestjoni tista' żżid l-għadd ta' attributi tad-dejta li għalihom tkun ingħatat id-dejta, ħalli din tkun tista' tiġi applowdjata f'Arachne.

Jekk l-awtorità ta' ġestjoni ma taġġornax id-dejta fuq bażi regolari, is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jiddeċiedu li jirtiraw l-aċċess għal Arachne.

12 L-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAD-DEJTA

Il-kwalità u l-affidabbiltà tad-dejta esterna li tiġi pproċessata għall-kalkolu tar-riskju huma r-responsabbiltà tal-fornituri tas-servizz u hija ggarantita minnhom. Il-kwalità u l-kwantità tad-dejta interna huma ggarantiti mill-awtorità ta' ġestjoni. Aktar ma l-awtorità ta' ġestjoni tipprovdi dejta interna, aktar ikun preċiż ir-riżultat tal-kalkolu tar-riskju tal-Għodda għall-Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne.

13 IT-TMIEM U L-IRTIRAR TAL-AĊĊESS

Kull parti tista' tiddeċiedi li ttemm din il-karta b'mod unilaterali. Jekk il-linji gwida deskritti hawn fuq ma jitħarsux mill-awtorità ta' ġestjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni se jikkuntattjaw lill-awtorità ta' ġestjoni involuta sabiex jiddiskutu u jevalwaw l-użu ulterjuri tal-għodda. F'każijiet estremi, is-servizzi tal-Kummissjoni jirriżervaw id-dritt li jirtiraw l-aċċess għal Arachne tal-awtorità ta' ġestjoni involuta. Jekk l-awtorità ta' ġestjoni tiddeċiedi li ma tibqax tuża Arachne, is-servizzi tal-Kummissjoni, fuq talba tal-awtorità ta' ġestjoni, ineħħu mill-bażi tad-dejta Arachne kull dejta relatata mal-kuntratt u mal-proġett mibgħuta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-programm operazzjonali kkonċernat.

Michel Servoz
Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ EMPL

Marc Lemaitre
Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ REGIO